MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 2609/2000/1

**Charles Borg.**

**vs.**

**Dr. Peter Borg Costanzi li b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Frar 2001 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Natalina Borg.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Dicembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewwgu fil-Knisja ta' San Giljan fid-9 ta' Awissu 1986 (Dok. "A");

Illi, il-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi, *in oltre,* l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dirittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi, il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghall-istess konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi, il-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Awissu 1986 huwa null u bla effet legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' Charles Borg, datat 14 ta' Dicembru 2000, a fol 12, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha, previa l-ispedizzjoni tas-soliti bandi illi jigu notifikati flimkien ma' verzjoni qasira tac-citazzjoni hekk prezentat kontestwalment, ukoll lill-imsemmi Julian Grech, tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-intimata fl-atti tal-kawza.

Rat id-digriet datat 15 ta' Dicembru 2000, fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat in-nota ta' Dr. Peter Borg Costanzi, datata 6 ta' Frar 2001, li biha accetta l-bandi biex jidher ghal Natalina Borg fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra relattivi sussigmenti.

Rat id-digriet datat 7 ta' Frar 2001, fejn gie konfermat Dr. Peter Borg Costanzi bhala kuratur.

Rat il-verbal datat 24 ta' Settembru 2001, fejn Dr. Peter Borg Costanzi nforma lil Qorti li kien ser jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. Il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Farrugia biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Peter Borg Costanzi, datata 28 ta' Settembru 2001, fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi, huwa jaqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null izda dan mhux ghal ragunijiet imputabbli ghall-konvenuta izda minhabba li z-zewg partijiet, fil-mument taz-zwieg, ma kellhomx diskrezzjoni ta' gudizzju xieraq fuq il-hajja mizzewga u ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi tenut null *a tenur* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.**

2. Illi, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 21 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 26 ta' Novembru 2001 a fol.25, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu datat 26 ta' Novembru 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 25 ta' Marzu 2002, fejn il-Qorti ordnat li din il-kawza tigi diferita quddiem din il-Qorti kif attwalment presejduta ghat-12 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal datat 12 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal datat 14 ta' Gunju 2002, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha

tal-partijiet mhux aktar tard mill-20 ta' Settembru 2002 u wara tali seduti hi giet awtorizzata biex tirrelata.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia datata 18 ta' Gunju 2002, a fol 36, fejn hi nformat lil Qorti li l-attur ressaq l-provi kollha tieghu u li Dr. Peter Borg Costanzi talab iz-zmien biex ikun jista jottjeni u jipprezenta l-affidavit tal-konvenuta assenti. Dr. Farrugia nformat lil Qorti li hemm zewg seduti gia ffisati u li hi ser tkun tista' tirrelata wara tali seduti.

Rat in-nota tal-konvenut Dr. Peter Borg Costanzi datata 20 ta' Awissu 2002 a fol 37 tal-process, li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Nathalie Borg a fol. 37 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru 2002, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex tiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut *nomine* sa l-ahhar ta' Jannar 2003, u wara l-Perit Legali giet awtorizzata biex tirrelata.

Rat il-verbal tal-10 ta' April 2003, fejn Dr. Deborah Farrugia halfet ir-rapport u Dr. Tanya Sammut ghall-attur irremettit ruhha ghar-rapport.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia minn fol. 49 sa fol. 61.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia minn fol. 65 sa fol. 85 tal-process.

Rat il-verbal datat 5 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

## (I) PROVI PRODOTTI

Illi l-attur ipprezenta x-xhieda tieghu permezz ta’ affidavit fejn xehed li huwa beda johrog mal-konvenuta meta kellu dsatax-il (19) sena u l-konvenuta kellha xi hmistax-il (15) sena u kienet ghada l-iskola.

Illi jghid li wara xi sena huma kienu tgharrsu u wara xi ghaxar xhur ta’ gherusija l-kontendenti izzewwgu. Ikompli jixhed li huwa kien mill-bidu nforma lill-konvenuta li huwa kien sejjer immur jghix l-Awstralja peress li kellu cittadinanza Awstraljana u kien twieled hemm. Il-konvenuta wriet entuzjazmu kbir u accetat li temigra lejn l-Awstralja. L-attur jghid:-

*“Illi, waqt l-eghrusija kemm jiena u kif ukoll l-konvenuta konna ghadna immaturi.”*

Illi kienu johorgu prattikament kuljum, specjalment meta l-genituri tieghu marru jghixu l-Awstralja. Huwa kien jghix bil-ftit flus li hallilu missieru u kien iqatta’ hafna hin ghand id-dar tal-genituri tal-konvenuta. L-attur jixhed li huma kienu haffew fil-preparamenti tat-tieg ghaliex riedu jitilqu lejn l-Awstralja. Jghid:-

*“...ghalhekk iddecidejna illi nghagglu l-preparamenti u nizzewwgu malajr sabiex inkun nista’ nsib xoghol l-Awstralja. In fatti, ahna iffissajna id-data taz-zwieg ghaxar xhur qabel biss u dana minhabba l-fatt illi l-genituri tieghi kienu ser isiefru.”*

Illi jghid ukoll li l-konvenuta kienet mill-ewwel accettat li temigra mal-attur u qaltlu li xtaqet tmur tghix post iehor ghaliex id-dar tal-genituri kienet zghira wisq. Huwa jixhed li huwa ma riedx riceviment tat-tieg ghaliex ma kellhomx flus izda omm il-konvenuta kienet insistiet li taghmlilhom tieg. Disat ijiem wara li izzewgu l-kontendenti sifru lejn l-Awstralja.

Illi huwa ikompli jghid li l-biljetti tas-safar kien hallashom mill-flus li kien ircieva mis-socjeta’ ta’ assikurazzjoni ghall-incident stradali li kellu bil-mutur. Kif waslu l-Awstralja

huwa beda jahdem sieghat twal u sitt ijiem fil-gimgha. Il-kontendenti kienu jiltaqghu biss l-Hadd. Matul il-gimgha kien jahdem il-gurnata kollha imbaghad imur id-dar jiekol u jorqod. Jghid:-

*"Illi, ghalhekk komunikazzjoni bejnietna kellna mill-inqas u ftit li xejn konna nitkellmu fuq il-hajja matrimonjali taghna."*

Illi l-istess attur jkompli jixhed li wara xi sena u nofs il-kontendenti kienu xtraw dar fejn jghixu u ghalhekk il-Hadd kien jispicca jahdem ukoll sabiex jirranga fid-dar li xtraw. L-attur jispjega ruhhu hekk:-

*"Illi, il-hsieb tieghi kien illi nfaddal kemm niflah u nahdem hafna sabiex nerga' nirritorna lejn Malta."*

Illi l-kontendenti damu jghixu l-Awstralja ghal seba' snin. Ghall-ewwel ma riedux tfal sabiex ifaddlu. L-ewwel tarbija twieldet wara sitt snin ta' zwieg. It-tieni tarbija twieldet sena wara li irritornaw lura Malta. Jghid li darba meta kienu ghadhom l-Awstralja huwa kien ircieva telefonata anonima minghand mara li qaltlu li l-konvenuta kellha relazzjonijiet ma diversi rgiel. Il-konvenuta spjegatlu li probabilment din kienet mara li kienet tghir ghaliha. Ikompli jixhed li meta l-kontendenti kienu ilhom Malta ghal madwar tlett snin huwa kienu saru jafu lil pittur Germaniz u dana sabiex jaghmel tpingija tal-familja taghhom. Jixhed li xi zmien wara l-konvenuta kienet avvicinat lill-attur u qaltlu:-

*"Illi, li ma ghadiex thobbni u in oltre qaltli ukoll li nahseb lanqas it-tfal."*

Illi l-attur ghalhekk hadha ghand psikjatra li issuggerixxa *break.* Il-konvenuta ghalhekk marret tghix mal-genituri taghha. Xi gimgha wara l-konvenuta kienet harget u ma irritornatx. L-attur u hu l-konvenuta, David Grech, sabuha u hija marret lura d-dar tal-kontendenti. Hija l-ghada iffirmat l-Ghassa li riedet titlaq mid-dar.

Il-kontendenti isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fil-15 t' April 1997. Sentejn wara l-konvenuta

harbet minn Malta minghajr ma qalet lil hadd. Il-konvenuta kienet halliet lit-tfal mal-*babysitter* u meta ma irritornatx ghalihom din kienet cemplet lill-attur. Jghid li minn dak iz-zmien huwa qatt ma rega' ra lill-konvenuta.

Illi fis-seduta ta-18 t'April 2002 l-attur xehed in kontro-ezami u qal li l-konvenuta telqet minn Malta madwar tlett snin qabel. Hija qatt ma kellmitu jew cemplitlu jew ikkomunikat mieghu. Meta t-tfal ikunu mieghu l-konvenuta qatt ma kkomunikat maghhom lanqas. It-tfal jinsabu illum fil-kura u kustodja kontinwa tal-attur.
Illi l-attur ikompli jixhed li meta zzewwigu l-konvenuta kellha 18-il sena. Huwa ma kienx l-ewwel gharus taghha. Hija kienet qaltlu li qablu kienet harget ma' guvni mill-Marsa ghal xi sentejn u dana xi sitt xhur qabel ma beda johrog maghha. Bejnu u l-guvni tal-Marsa hija kienet harget ma' guvni strangier.

Illi jghid ukoll li qabel ma zzewwgu tul l-gherusija kollha, il-konvenuta kellha hafna sikkatura mill-genituri taghha dwar hrug. Sakemm tgharrsu ufficjalment hija kellha tkun id-dar sat-8:00 pm. Wara kienu ihalluha sal-10:00 jew il-11:00 pm. Ommha kienet daqsxejn *strict* fuq kif tilbes, hrug u studju. Meta zzewwgu l-attur induna li ghall-konvenuta z-zwieg kien liberta' mid-dar taghha w spjega li:-

*"bhal hassitha free mill-genituri u d-dixxiplina taghhom."*

Illi l-attur jghid li f'Malta l-konvenuta kienet batuta mill-flus u meta waslu l-Awstralja t-tnejn bdew jahdmu immedjatament u ghalhekk il-konvenuta kienet indipendenti mill-flus ukoll. Jghid:-

*"Illi, jiena u Nathalie konna miftehmin li mmorru l-Awstralja wara li nizzewgu. Dan ftehmna qabel ma tgharrasna ufficjalment. Ahna zzewwigna ghaxar xhur wara li tgharrasna. Jiena kont Australian citizen u ridt immur lura l-Awstralja. Ghalhekk kont ghidt lil Nathalie li ridt immur lura hemm. Kieku Nathalie qaltli li ma tghix mieghi l-Awstralja jiena ma kontx nizzewwigha ghaliex ridt immur definittivament."*

Illi jixhed ukoll li meta kienu l-Awstralja huwa kien jahdem xi 14-il siegha kuljum. Xi sentejn wara beda jinduna li l-konvenuta kienet tbiddlet hafna minn meta kien jafha Malta. Hija wkoll kienet tahdem u ghalhekk bis-sieghat twal u *shift* li kien jahdem bil-kemm kienu jiltaqghu matul il-gimgha, gieli kienu jiltaqghu fuq it-traffic lights bil-vetturi.

Illi jghid li fl-Awstralja bil-kemm kellhom *social life* hlief rari xi *long weekend* immorru xi *drive*. Il-kontendenti qatt ma kkumentaw dwar il-fatt li ma kienux iqattghu hin flimkien. Huma kien mohhom biss sabiex jahdmu u jaghmlu l-flus. Jghid:-

*"Illi, ahna qatt ma ggelidna izda kien hemm hafna passivita' bejnietna…..dak iz-zmien kont mohhni biss fix-xoghol u bil-kemm kellna hajja flimkien. Hija kienet ukoll mohhha fix-xoghol."*

Illi l-**konvenuta** xehdet permezz ta' affidavit u qalet li meta zzewgu huma kienu ta' eta` zghira u ma kenux jifhmu l-obbligazzjonijiet ta' zwieg.  Hija kellha sbatax-il sena. Kienet imrobbija go familja tradizzjonali u religjuza:

*"in a very strict atmosphere".*

Illi hija qalet li wara li izzewgu huma marru jghixu l-Awstralja:

*"where we began a life of continuous work.  Both of us worked so hard that we both forgot that the other existed…when the time came to return to Malta, we had become strangers towards one another.  Right from the start Charles never understood that he had to share his life with me and that he should dedicate time towards our relationship.  The only ideal in his life became his work. This became almost an obsession."*

Illi qalet li l-attur kien jahdem sieghat twal li kwazi qatt ma raw lil xulxin.  Qatt ma kienu johorgu flimkien ghaliex l-attur kien dejjem jahdem u mbaghad kien jirritorna d-dar sabiex jorqod.  Il-komunikazzjoni bejnithom bil-kemm kienet tezisti.  Rigward dan qalet li:-

*"..from the beginning we never had congugal life between us, only the convenience of two people who live together under one roof, with different lives and dreams. During our married life we both grew up and we both realized that we had both changed drastically, and that we no longer had any ideals and ambitions which joined us together. We lived day by day, functioning separately from one another."*

Illi sostniet li meta kellhom l-ewwel tarbija l-hajja taghhom baqghet l-istess, fejn hija kienet tiehu hsieb lit-tifla wkoll meta kellha tehodha l-isptar. L-attur kien dejjem impenjat bix-xoghol. Meta gew lura Malta l-hajja taghhom baghqet l-istess. L-attur kien jahdem sighat twal u qatt ma ghin fil-hajja tal-familja u fit-trobbija tat-tfal. Tant li qalet*: "That, the only support I ever had from him was financial, never moral or physical."*

Illi x-xhud, **Georgia sive Mary Grech**, prodotta mill-konvenuta xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hija omm il-konvenuta. Tixhed li l-kontendenti kienu izzewwgu wara ftit xhur ghaliex l-attur ried isiefer lejn l-Awstralja. L-attur kien l-ewwel *boyfriend* li l-konvenuta dahlet id-dar. Sostniet li l-konvenuta kienet ghada zghira u hija ghalhekk kienet izzommilha ftit dixxiplina sabiex il-konvenuta ma titharbatx. Il-konvenuta kellha tkun id-dar ghal xi 9.30pm jew l-10.00pm.

Illi hija kkonfermat li kif il-kontendenti zzewgu huma marru lejn l-Awstralja, kif kienu mifthemin. Huwa kellhom idum hames (5) snin hemm sabiex jahdmu u bil-flus jixtru dar Malta. Il-kontendenti gew lura Malta wara seba' snin. Il-konvenuta kienet imdejqa u kienet tghidilha li ghaliha l-flus mhux kollox u li l-attur kien mohhu biss fix-xoghol u ma jkollomx hin flimkien.

Illi hija xehdet li l-attur kien qalilha li l-konvenuta kien qed ikollha relazzjoni ma' pittur Germaniz. Tghid li r-relazzjoni ta bejn il-kontendenti marret hafna lura u sehhew xi incidenti. Wara xi zmien il-kontendenti kienu isseparaw. Tghid:-

*"Illi, ftit granet wara, Nathalie telqet minn Malta u halliet kollox warajha u minn dakinhar ma regghetx giet lura Malta."*

Illi x-xhud, **David Grech**, prodott mill-konvenuta, xehed permezz ta' affidavit u qal li huwa hu l-konvenuta u tlett snin izghar minnha. Qal li jiftakar meta zzewgu l-kontendenti u ftit wara marru jghix l-Awstralja. Huma kienu jikkomunikaw b' ittri u ma kien jaf xejn dwar ir-relazzjoni tal-kontendenti. Meta l-kontendenti gew lura Malta l-konvenuta ma tantx kienet tip li tghid wisq izda kemm il-darba kienet icempillu ghax kienet tkun wehedha d-dar u riedet il-kumpanija tieghu. Gieli kien ukoll jakkompanjha sabiex johorgu bit-tfal. Il-konvenuta kienet imdejqa ghaliex l-attur kien dejjem jahdem. Rari kien jara lill-kontendenti johorgu flimkien. Xehed li huwa kien sema' li l-konvenuta kien qed ikollha relazzjoni ma' ragel Germaniz. Fil-fatt darba kien mar mal-attur u flimkien mal-Pulizija sabu lill-konvenuta fid-dar ta' dan ir-ragel. Qal li xi zmien wara l-kontendenti kienu sseparaw u l-konvenuta telqet minn Malta u ma regghetx giet lura.

**<u>(II) PRINCIPJI LEGALI U APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi l-attur ibbaza l-azjoni tieghu ghan-nullita' taz-zwieg fuq l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255)** li jipprovdi li:-

*(d) "il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoniijiet essenzjali taz-zwieg";*

*(f) "il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi mill-provi migbura jirrizulta bhala fatti li:-

Il-kontendenti bdew johorgu flimkien meta l-attur kellu dsatax-il sena u l-konvenuta kellha biss hmistax-il sena. Huwa tgharrsu sena wara w izzewgu ghaxar xhur wara li tgharrsu fl-eta’ zghira meta l-attur kellu tnejn u ghoxrin sena u l-konvenuta kellha tmintax-il sena. L-attur jghid li huma kienu immaturi. Il-konvenuta tghid li huma ma kinux jifhmu x’inhuma l-obbligazzjonijiet ta’ zwieg.

Illi tul l-gherusija l-kontendenti ma kinux jahdmu. Il-konvenuta kienet ghada kif harget mill-iskola u l-attur kien jghix fuq *pocket money* minghand missieru. Dan il-fatt juri l-immaturita` li kellhom il-kontendenti meta iddecidew li jizzewgu meta kienu ghadhom ma bdewx jesperjenzjaw il-hajja u lanqas kienu ghadhom kapaci jipprovdu ghalihom infushom.

Illi l-immaturita` fi stat veru gravi hija riflessa wkoll fil-fatt li l-kontendenti kellhom gherusija qasira hafna u ma saru ebda preparamenti ghal dan iz-zwieg. L-attur jghid li huwa lanqas tieg ma ried. Huma riedu biss li jghaggel il-preparamenti sabiex huma jkunu jistghu jemigraw lejn l-Awstralja. Fil-fatt sebat ijiem wara z-zwieg, il-kontendenti siefru lejn l-Awstralja. L-attur xehed in kontroezami fejn stqarr: *“Kieku Nathalie qaltli li ma tghix mieghi l-Awstralja jiena ma kontx nizzewwigha ghaliex ridt immur definittivament.”*

Illi l-konvenuta ukoll kellha herqa sabiex tmur tghix l-Awstralja. Hija kienet qalet lill-attur illi riedet titlaq mid-dar tal-genituri ghaliex kienet zghira wisq. Jirrizulta ukoll mix-xhieda tal-partijiet u omm il-konvenuta, li l-konvenuta kellha hafna sikkatura minn ommha fuq ilbies, hrug u studju u ovvjament dan kien naturali ghaliex l-konvenuta kienet ghada zghira, izda ghall-konvenuta din kienet biss sikkatura u xejn izjed. L-attur xehed li l-konvenuta *“bhal hassitha free mill-genituri u d-dixxiplina taghhom.”*

Illi meta l-kontendenti emigraw lejn l-Awstralja l-hsieb tal-attur kien biss fuq xoghol. Il-konvenuta tghid li l-attur kellu *“obsession”* fuq xoghol. Huwa kien jahdem sieghat twal, tant li bil-kemm kienu jiltaqghu. Gieli kienu jiltaqghu biss

fuq it-*traffic lights* huma u sejrin lejn ix-xoghol u jirritornaw lejn id-dar. L-attur jghid: *"Ghalhekk komunikazzjoni bejnietna kellna mill-inqas u ftit li xejn konna nitkellmu fuq il-hajja matrimonjali taghna."*

Illi l-kontendenti kienu jghixu taht saqaf wiehed izda kellhom hajja separata. L-attur kien mohhu biss fix-xoghol u li jfaddal l-flus. Huma ma kellhom ebda hajja socjali bejnithom. It-tnejn kienu finanzjarjament indipendenti ghaliex kienu jahdmu. Il-konvenuta tixhed: *"Both of us worked so hard that we both forgot that the other existed…when the time came to return to Malta, we had become strangers towards one another."* Bejn il-kontendenti kien jezisti biss hafna passivita` bla glied.

Illi wara ftit zmien li l-kontendenti rritornaw Malta l-konvenuta kienet infurmat lill-attur li hija ma kinitx thobbu u li *"nahseb lanqas lit-tfal".* Fil-fatt il-kontendenti kienu isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni u xi zmien wara l-konvenuta telqet minn Malta u qatt ma irritornat jew ikkomunikat mal-attur jew mat-tfal taghha (sa fejn jaf huwa).

Illi l-attur ibbaza in-nullita` taz-zwieg fuq il-kunsens tal-konvenuta taht l-**artikolu 19(1) (d)**. Fis-sentenza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002), inghad *"li b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx iffisser sempliciement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku."* (ara f' dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** deciza fil-25 ta' Mejju 1995).

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u jikkrejaw familja. Dan jehtieg maturita` ta' hsieb fejn wiehed jaghraf l-obligazzjonijiet u d-dmirijiet li tinvolvi l-hajja ta' zwieg. Il-kuncett ta' *discretio judicii* tirrikjedi konoxxenza tad-drittijiet, d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga li dehlin fiha l-partijiet.

Illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak semplici rikjest fil-kuntratti in generali. Il-partijiet ghandhom mhux biss ikollhom il-kapacita` li jaghtu l-kunsens, izda rried jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti. L-awtur ***JR Keating*** jghid li biex iz-zwieg ikun validu *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of phychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice."*

Illi kif jispjega ukoll l-gurista ***Colagiovanni***: *"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus…richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinanti dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta` dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita"* (**Forum 1990, Vol 1**, part 1, page 72)

**Illi *Dr Abigail Attard***, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid li d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"..supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Illi din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (deciza fl-4 ta' Novembru 1994), studjat il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju u dahlet fil-fond f' dak li jghid il-gurista ***Bersini***:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva….La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' att da compiere, agli obbligi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono*

*privare della libera scelta interiore.."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale- Bersini-**Torino 1994).

Illi l-impenn ghall-futur jfisser l-obbligazzjonijiet essenzjali li minghajrhom l-unjoni intima tal-hajja mizzewwga ma tistax issehh, fosthom fedelta` u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u l-*benessere* reciproka tal-partijiet. Il-partijiet irred ikunu kapaci jirriflettu fuq dawn l-obbligazzjonijiet u dmirijiet u jkunu kapaci jwettqu dawn tul il-hajja taghhom.

Illi dawn l-obbligazzonijiet essenzjali mhux definiti fil-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Izda fil-kawza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** fuq citata (deciza fis-26 ta' Novembru 2002), gie spjegat: *"li dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala obbligazzonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an evironment conducive to the reception and eduction of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community…..these essential obbligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable…."* (***Viladrich, P.J.,*** *op. cit.,* p 687)
Illi wkoll fid-decizjoni **"Anna Galea vs John Welsh"** (deciza fit-30 ta' Marzu 1995) gie osservat li inerenti f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontendenti li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita *"the community of life and love"*.

Illi ghalhekk ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju meta jkun hemm inkapacita` psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku. Din l-Qorti fil-kawza **"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** (deciza fil-21 ta' Novembru 1995) osservat li d-difett ta' kunsens m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici inkompatibilita` ta' karattru jew ma decizjoni

zbaljata. (ara **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"** deciza fl-10 ta' Novembru 1995).

Illi wkoll fis-sentenza **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** deciza fl-14 ta' Awissu 1995, gie osservat li:-

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesis is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering the marriage is lacking; (2) when the contracting party had not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient wieghing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Illi l-attur ibbaza in-nullita` taz-zwieg fuq il-kunsens tal-konvenuta taht l-**Artikolu 19(1) (f).** Dan l-artikolu jirreferi kemm ghal simulazzjoni totali u kif ukoll parzjali. Din l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (deciza fit-30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-*finis operis* taz-zwieg gie effetivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fil-kawza **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"** (deciza fil-31 ta' Dicembru 1996) gie ddikjarat li z-zwieg ikun null jekk fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, esternament u b'att posittiv tal-volonta, persuna tkun qed teskludi xi element jew propjeta' essenzjali ghaz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi hekk fil-kawza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** (deciza fis-16 ta' Dicembru 1996) ikkunsidrat l-kaz *"ta min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu ikun fil-fatt qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg."* Illi gie citat il-gurista ***Castano,*** li jsostni li l-eskluzzjoni

jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta’ intenzjoni jew in-nuqqas ta’ kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta’ ossia intenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg, jew dak l-element essenzjali.

Illi fl-istess decizjoni ta’ **“Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb”** gie innotat: *“…taht* l-**artikolu 19(1) (f)** *trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta’ l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm r-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.”*

Illi fil-kawza **“Abdel Wahed vs Dr Yana Micallef Stafrace et noe”** (deciza fl-14 ta’ Lulju 1994), gew elenkati wkoll l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*“kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta’ l-ulied.”* (ara **“Aquilina vs Aquilina”** deciza fit-30 ta’ Jannar 1991).

Illi dwar il-kommunjoni tal-hajja konjugali u l-*Consortium Vitae,* fil-kawza **“Magri vs Magri”** (deciza fl-14 ta’ Lulju 1994), inghad li:-

*“Jekk din il-Consortium Vitae hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-Consortium Vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja.”*

Illi skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet tal-principji legali applikati ghall-kaz in ezami, jidher li l-immaturita` tal-kontendenti wasslithom sabiex jizzewgu minghajr preparazzjoni, riflessjoni jew apprezzament tar-responsabbiltajiet rizultanti minn dan il-pass. Ghalhekk in-nullita’ ta’ dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti gie ippruvat. Fil-fatt jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta biss ghaliex ried li jemigra maghha l-Awstralja sabiex ikun jista’ hemm igemma l-flus; fil-fatt hekk jidher li ghamel

ghaliex hlief xoghol u flus ma jidhirx li ghamlu flimkien kemm damu hemmhekk, anke' jekk l-istess kontendenti kellhom it-tfal ukoll; pero' jidher li kellhom hajja ghall-rashom kwazi priva minn kull komunikazzjoni, fejn verament f'dan il-perjodu kienu saru stranjieri ghal xulxin.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta accettat li tizzewweg lill-attur biss ghaliex riedet titlaq mid-dar ghar-raguni taghha, fejn hasset, anke' sforz l-immaturita' taghha serja, li kienet ser takkwista l-liberta' taghha, u fil-fatt hija lanqas kellha wisq ghazla ghaliex l-attur kien deciz li jemigra l-Awstralja u kien lest li jmur anke' minghajr l-konvenuta. Illi fil-fatt f'dan il-pajjiz kompla inqatghu ghal kollox minn xulxin, u meta wara snin gew lura Malta, jista' jinghad li l-partijiet lanqas biss kienu jafu lill-xulxin, bir-rizultat li l-konvenuta abbandunat lill-attur u lil uliedha habta u sabta, u jidher li qatt izjed ma kkomunikat mal-attur.

Illi dan kollu juri li meta zzewgu l-partijiet lanqas biss kellhom il-minimu ta' konoxxenza dwar x'inhu z-zwieg proprju u l-pass serju li kienu ser jiehdu, ahseb u ara kemm kien hemm impenn minnhom ghall-hajja komunali bejniethom; dahhlu ghaz-zwieg qisu xejn mhux xejn u parti minn pakkett sabiex jemigraw u ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga mill-kontendenti odjerni, b'dan li l-kunsens ta' kull parti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Awissu 1986 huwa null u bla effett skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------